MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Numru 1558/2007

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Roberta Cascun

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru: 446685(M) akkuzata talli:

1. nhar it-23 ta’ Settembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, malli saret taf li xi haga li kienet fil-pussess taghha u cioe apparat cellulari tal-marka ‘Samsung-E900’ kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistatat b’reat, naqset li tgharraf lill-pulizija li b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk saret taf ghad-dannu ta’ Carmelo Darmanin mill-Hamrun;

2. fl-istess data u cirkostanzi, xjentament laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni hija insistiet anka wara li l-Qorti tahta zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija dik ta' ricettazzjoni.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata ssibha hatja. Rat l-artiklu 334 (a) tal-Kap 9. wara li hadet inkonsiderazzjoni l-attenwanti generici applikabbli tiddeciedi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------